MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2014

Numru. 161/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Zammit**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mario Zammit ta' 29 sena, imwieled Pieta` fl-14 ta' Ottubru 1972, iben il-mejjet Anthony u

Carmen nee` Micallef, residenti 17, Alley 5, Main Street, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 475672(M);

a) Akkuzat talli fl-14 ta’ Mejju 1999 u fl-ahhar tlett snin ta’ qabel din id-data forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Talli fl-istess data, hin, zmien u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) U aktar talli fl-14 ta' Mejju 1999 u matul l-ahhar sitt xhur ta' qabel din id-data kellu ghandu fil-pussess tieghu u jew zamm arma tan-nar u/jew munizzjon minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2014, l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena u s-suggeriment taghhom dwar l-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi minkejja li l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri ma kinitx wahda bikrija, huwa kkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, tant illi fis-seduti tas-7 ta' Lulju 2006[1] u tal-5 ta' Dicembru 2006 rispettivament[2], l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-7 ta' Lulju 2006, illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat xehed fil-konfront ta' terzi persuni u dan kemm fl-istadju tal-inkjesta, kif ukoll matul proceduri quddiem il-Qorti. Ghaldaqstant, il-Qorti jidhrilha illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-massimu tieghu.

Ikkunsidrat ukoll illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-**imputat**[3], liema stqarrija giet guramentata minnu[4], jirrizulta illi l-istess imputat stqarr illi fis-Sajf ta' tlett snin qabel, huwa kien ibiegh id-droga eroina u li ghamel dan ghall-perjodu ta' hames xhur. Fuq perjodu ta' sitt xhur, huwa xtara mitt gramma eroina, liema droga kien jixtriha bil-prezz ta' Lm16 kull gramma u jbieghha bil-prezz ta' Lm20 il-gramma. Stqarr ukoll illi xi xahar qabel ma rrilaxxja l-istess stqarrija, huwa kien rega' beda jbiegh l-eroina, illi kien xtara hames grammi bil-prezz ta' Lm120 u bieghhom f'pakketti ta' nofs gramma, bil-prezz ta' Lm18 jew Lm20 kull pakkett.

Qieset ukoll illi fil-mori ta' dawn il-proceduri xehdu wkoll **Keith Mallia**[5] u **Carmelo Borg**[6], liema persuni kienu wkoll ikkonfermaw l-istqarrija taghhom bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti[7] u indikaw lill-imputat bhala l-persuna li gieli fornihom bid-droga eroina. Matul dawn il-proceduri, dawn ix-xhieda bidlu l-verzjoni taghhom dwar in-numru ta' drabi li huma kienu xtraw id-droga eroina minghand l-imputat, izda t-tnejn qalu illi almenu f'okkazzjoni wahda, l-imputat kien fornihom bl-istess droga. Jirrizulta wkoll mill-atti, illi l-

---

[1] A fol. 79 tal-process.
[2] A fol. 34 tal-process.
[3] A fol. 15 *et seq* tal-process.
[4] A fol. 12 tal-process.
[5] A fol. 46 *et seq* tal-process u a fol. 55 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 157 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 8 *et seq* tal-process u a fol. 54 tal-process.

imputat kien forna zewgt iqratas bl-eroina lil Borg, liema qratas kellhom piz nett total ta' 0.362 grammi.[8]

Il-Qorti kkunsidrat ukoll is-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-imputat[9]. Minn dan ir-rapport, jirrizulta illi l-imputat beda jabbuza mid-droga – ghall-ewwel mill-*cannabis* – meta kellu tmintax-il sena u wara li esperimenta wkoll bil-kokaina u bl-*ecstasy*, ta' ghoxrin sena kellu l-ewwel kuntatt mal-eroina. Ghalkemm fil-bidu, l-abbuz mill-eroina ma kienx wiehed regolari, biz-zmien huwa beda jabbuza minnha b'mod izjed frekwenti u anke ta' kuljum. Skond l-istess rapport, l-imputat ghamel kuntatt mal-Agenzija Sedqa fis-snin 2002, 2004 u 2010 u kien beda jiehu l-*methadone* fis-sena 1997, sakemm imbaghad waqaf jiehu din is-sustanza f'Settembru 2011. Huwa ssottometta ruhu ghal zewg testijiet tal-urina fil-11 ta' Dicembru 2013 u fl-20 ta' Jannar 2014 rispettivament, liema testijiet taw rizultat negattiv ghal sustanzi lleciti. In oltre skond il-Psikjatra li jsegwi lill-istess imputat, matul is-snin, ittiehdu diversi kampjuni tal-urina tal-imputat sabiex jigi kkonfermat illi ma kienx qed jabbuza mid-droga. Qal ukoll illi l-ambjent tal-habs jista' jtellef fil-progess li ghamel l-imputat mill-aspett ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Jirrizulta wkoll mill-istess rapport illi l-imputat dejjem ghex hajja biezla u ghandu mpjieg fiss, apparti illi ghandu hajja stabbli.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat, mil-liema jirrizulta illi fil-maggor parti taghhom, ir-reati li gie kkundannat dwarhom l-istess imputat huma reati bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku.

Ikkunsidrat ukoll fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, illi fiz-zmien meta sehh ir-reat de quo, kien applikabbli l-Artikolu 3(1) tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta) u illi l-proviso ghall-istess artikolu kien jiddisponi illi "*meta wara li tkun giet ikkunsidrata l-kwantita` jew il-kwalita` ta' dawk l-armi tan-nar jew munizzjoni, il-Qorti tkun tal-fehma illi dawn ma kinux qed jinzammu sabiex*

[8] Ara x-xhieda tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud (a fol. 127 *et seq* tal-process) u r-relazzjoni tieghu a fol. 54 tal-process.
[9] A fol. 172 *et seq* tal-process.

*isir bejgh jew traffikar iehor kontra l-ligi b'dawk l-armi tan-nar jew munizzjon, il-hati jehel il-piena ta' multa ta' mhux inqas minn tletin lira Maltija jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u prigunerija flimkien*".

Mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, jirrizulta illi l-*air gun* li nstab fil-pussess tieghu kien ilu ghandu madwar sitt xhur, li kien xtrah minn fuq l-idejn u li ma kellux licenza biex izomm din l-arma. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-kaz, jistghu jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-proviso appena citat u dan stante illi mill-atti m'hemm xejn li jindika illi l-imputat kien qed izomm din l-arma ghal skopijiet ta' bejgh jew traffikar tal-istess. Ghaldaqstant fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti qeghda tapplika l-piena ta' multa.

Qieset ukoll illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 1999 u ghalkemm inghataw hames differiment ghal ragunijiet imputabbli lill-imputat – jew ghaliex ma dherx jew inkella ghaliex kien indispost minhabba ragunijiet ta' sahha – mill-bqija l-kawza twalet ghal ragunijiet ohrajn, fosthom per ezempju, illi c-*charges* odjerni gew prezentati fir-Registru ta' din il-Qorti fis-sena 2004 u ghalhekk ben hames snin wara li gew kommessi r-reati odjerni.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (b), il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi r-reat ikkontemplat f'dik l-imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni. Applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (c).

Il-Qorti qieset ukoll is-suggeriment maghmul lilha mill-partijiet fis-sens illi tenut kont tac-cirkustanzi ta' dan il-kaz, il-piena idonea hija ta' xahar prigunerija effettiva u multa. Biss il-Qorti, li ddikjarat li ma kinitx qeghda tintrabat b'dan is-suggeriment u anke wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi ta' dan, jidhrilha illi fil-waqt illi l-imputat ghandu certament jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena

ghar-ragunijiet kollha indikati izjed 'il fuq, mill-banda l-ohra irid jitqies ukoll illi l-imputat ma bieghx l-eroina f'xi okkazzjoni ta' darba jew tnejn, izda fuq medda ta' xhur, kif lanqas ma biegh xi gramma l'hawn u l'hinn u ghalhekk piena ta' xahar prigunerija m'hijiex piena idonea.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 (f) u (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' **sitt (6) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' tminn mitt Euro (€800)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50). L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument NNC2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll il-konfiska tal-arma, Dokument NNC3 u tal-munizzjon, esebit fl-atti u dan ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll il-konfiska tal-*mobile phone*

tal-marka Alcatel, ukoll esebit fl-atti ta' din il-kawza u dan ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 u tal-istess Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante illi ma saritx talba f'dan is-sens da parti tal-Prosekuzzjoni, kif kien jehtieg l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qabel ma gie emendat permezz tal-Att XIII tas-sena 2005, il-Qorti m'hijiex qeghda tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------